

Brussell, 22 ta' Mejju 2026
(OR. en)

8947/26

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0421 (COD)

TRANS 278
AVIATION 74
MAR 71
CLIMA 242
COMPET 529
ENV 460
ENER 226
ECOFIN 583
IND 313
CODEC 835

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	17016/1/25 REV 1; 17016/1/25 ADD 1 REV 1
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar vetturi korporattivi nodfa - Rapport ta' progress

I. INTRODUZZJONI

1. Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta msemmija hawn fuq lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fit-18 ta' Diċembru 2025 bħala parti mill-Pakkett dwar il-Karozzi.
2. Il-proposta għandha l-għan li tindirizza l-użu baxx u d-disponibbiltà insuffiċjenti ta' karozzi tal-passiġġieri u vannijiet ħfief b'emissjonijiet żero u baxxi billi tintroduċi miri speċifiċi għal karozzi u vannijiet ħfief b'emissjonijiet żero u baxxi fil-flotot korporattivi, peress li dawn il-flotot għandhom sehem għoli fir-reġistrazzjonijiet il-ġodda tal-vetturi u rata ta' tiġdid aktar mgħaġġla. L-immirar tal-flotot korporattivi għandu jagħti spinta lill-kompetittività tal-industrija awtomobilistika tal-UE u jkollu wkoll effett kollaterali fuq is-suq tal-vetturi ta' dan it-tip li jkunu użati.

Barra minn hekk, tipproponi wkoll li l-appoġġ finanzjarju mill-Istati Membri biex jaċċelleraw aktar l-użu ta' dawn il-vetturi, mill-2028, ikun limitat għal vetturi b'emissjonijiet żero u baxxi li "jsiru fl-Unjoni Ewropea" kif ser jiġi definit fl-Att dwar l-Aċċelleratur Industrijali.

II. ĦIDMA F'ISTITUZZJONIJIET OĦRA

3. Il-Parlament Ewropew ħatar kumitat konġunt għall-Ambjent u t-Trasport dwar din il-proposta bis-Sur Tiemo Wölken (S&D, DE - ENV) u s-Sur François Kalfon (S&D, FR – TRAN) bħala r-rapporteurs. Il-Parlament Ewropew qed jippjana li jadotta l-pożizzjoni tiegħu fis-sessjoni plenarja tiegħu tat-23 ta' Novembru 2026.
4. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu fis-604 sessjoni plenarja tat-18 ta' Marzu 2026. Il-Kumitat tar-Reġjuni għadu ma adottax l-opinjoni tiegħu.

III. PROGRESS FIL-KUNSILL U FIL-KORPI PREPARATORJI TIEGĦU

5. Il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art beda l-eżami tiegħu tal-proposta fit-13 ta' Jannar 2026 bi preżentazzjoni ġenerali tal-proposta u l-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanjaha. Il-Grupp ta' Ħidma kompli l-ħidma tiegħu fit-3 u s-17 ta' Frar, fit-3 u s-17 ta' Marzu, fl-14 ta' April u fid-19 ta' Mejju 2026.
6. Mill-preżentazzjoni tal-proposta u tal-valutazzjoni tal-impatt, b'mod ġenerali l-Istati Membri esprimew appoġġ għall-oġġettiv li tiġi aċċellerata l-adozzjoni ta' vetturi b'emissjonijiet żero u li tissaħħaħ il-kompetittività tal-industrija awtomobilistika tal-Unjoni. Fl-istess ħin, il-fehmiet iwarjaw dwar l-aktar approċċ regolatorju xieraq biex jintlaħqu dawn l-oġġettivi.

7. Xi Stati Membri jqisu li l-ikkomplementar tal-approċċ min-naħa tal-provvista tal-istandards tas-CO₂ għall-karozzi u l-vannijiet b'miżuri min-naħa tad-domanda mmirati lejn il-flotot korporattivi jista' jikkontribwixxi għall-aċċellerazzjoni tal-adozzjoni mis-suq ta' vetturi b'emissjonijiet żero u baxxi u għall-ħolqien ta' swieq ewlenin stabbli għall-industrija awtomobilistika Ewropea. Stati Membri oħra jqajmu tħassib dwar in-natura obbligatorja u l-valur miżjud ġenerali tal-miri proposti, il-proporzjonalità tagħhom fir-rigward tal-piż amministrattiv iġġenerat, l-impatti possibbli fuq in-negozji u l-SMEs, u jekk il-proposta tistax tkun intervenzjonista żżejjed. Dan it-tħassib ġie rifless ukoll f'dokument informali konġunt ippreżentat minn grupp sinifikanti ta' Stati Membri. Stat Membru wieħed esprima oppożizzjoni għall-proposta fil-forma attwali tagħha filwaqt li fil-prinċipju appoġġa l-oġettiv tal-elettrifikazzjoni tal-flotta. Fl-istess ħin, diversi Stati Membri, filwaqt li żammew riżervi dwar elementi tal-proposta, esprimew ir-rieda li jkomplu d-diskussjonijiet tekniċi bil-ħsieb li jidentifikaw soluzzjonijiet ta' kompromess possibbli.
8. Matul il-Presidenza Ċiprijotta, il-Grupp ta' Ħidma wettaq l-ewwel eżami sħiħ artikolu b'artikolu tal-proposta. Id-diskussjonijiet iffukaw b'mod partikolari fuq il-kamp ta' applikazzjoni u d-definizzjonijiet, il-livell ta' ambizzjoni tal-miri proposti, l-obbligi ta' rapportar u l-piż amministrattiv, kif ukoll l-interazzjoni tal-proposta ma' fajls leġiżlattivi relatati, b'mod partikolari r-reviżjoni tal-istandards tas-CO₂ għall-karozzi u l-vannijiet u l-Att dwar l-Aċċelleratur Industrijali.
9. Sabiex tiffaċilita d-diskussjonijiet u tavvanza l-ħidma teknika, il-Presidenza ċċirkolat nota ta' gwida u l-ewwel proposta ta' kompromess li jirriflettu l-kummenti u s-suġġerimenti ta' abbozzar imqajma mid-delegazzjonijiet matul id-diskussjonijiet. L-ewwel proposta ta' kompromess ġiet diskussa fil-Grupp ta' Ħidma fid-19 ta' Mejju 2026 u ntlaqgħet b'mod ġenerali mid-delegazzjonijiet bħala bażi kostruttiva għat-tkomplija tad-diskussjonijiet tekniċi, filwaqt li nżammu riżervi sinifikanti dwar aspetti politiċi ewlenin tal-proposta. Il-Presidenza ffaċilitat ukoll skambji dwar il-fattibbiltà tar-rapportar u l-metodoloġiji tal-ġbir tad-data, inkluż preżentazzjonijiet mill-Istati Membri dwar prattiki eżistenti ta' reġistrazzjoni u rapportar. F'dan il-kuntest, diversi Stati Membri ssottolinjaw il-ħtieġa għal aktar ħidma teknika fuq il-metodoloġiji tal-ġbir tad-data u l-interkonnessjonijiet tar-reġistri sabiex jiġi żgurat approċċ konsistenti u fattibbli fl-Istati Membri kollha.
10. L-Istati Membri qajmu wkoll mistoqsijiet dwar ir-reqwiżit "magħmul fl-Unjoni Ewropea" u l-implikazzjonijiet possibbli tiegħu, inkluż fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tal-kunċett ta'

"appoġġ finanzjarju" u l-interazzjoni tiegħu ma' skemi ta' appoġġ nazzjonali. Xi Stati Membri qajmu wkoll mistoqsijiet dwar l-interazzjoni tal-Artikolu 4 mal-kompetenzi fiskali nazzjonali. Id-diskussjonijiet dwar dawn l-aspetti evolvew aktar wara l-pubblikazzjoni tal-proposta dwar l-Att dwar l-Aċċelleratur Industrijali fl-4 ta' Marzu 2026. Fl-istess ħin, l-Istati Membri ssottolinjaw li tkun meħtieġa aktar ċarezza rigward it-tifsira Prattika tar-Rekwiżit "magħmul fl-Unjoni Ewropea" sabiex jiġi vvalutat l-impatt possibbli tal-limitazzjoni tal-appoġġ finanzjarju għal vetturi prodotti taħt din it-tikketta. Aktar progress f'dawn l-aspetti ser jiddependi parzjalment fuq l-avvanz tad-diskussjonijiet fil-korpi preparatorji rilevanti li jeżaminaw l-Att dwar l-Aċċelleratur Industrijali.

11. Id-diskussjonijiet li saru taħt il-Presidenza Ċiprijotta ppermettew kjarifiki tekniċi utli u identifikazzjoni aħjar tal-kwistjonijiet politiċi u orizzontali ewlenin li jeħtieġu aktar ħidma. Fl-istess ħin, id-diskussjonijiet ikkonfermaw l-interkonnessjonijiet mill-qrib bejn din il-proposta, ir-reviżjoni tal-istandards tas-CO₂ għall-karozzi u l-vannijiet u l-Att dwar l-Aċċelleratur Industrijali. Il-progress f'dawn il-fajls relatati għalhekk ser ikollu effett importanti fuq aktar ħidma fuq il-proposta.

IV. KONKLUŻJONI

12. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Coreper u l-Kunsill (Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija) huma mistiedna jieħdu nota ta' dan ir-rapport ta' progress, fil-laqgħat tagħhom tas-27 ta' Mejju u t-8 ta' Ġunju 2026, rispettivament.